

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (L-Olanda) fl-4 ta' Mejju 2009 — Stichting Natuur en Milieu, Stichting Greenpeace Nederland, B. Meijer, E. Zwaag, F. Pals vs College van Gedeputeerde Staten van Groningen, derde belanghebbende: RWE Power AG

(Kawża C-165/09)

(2009/C 193/02)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Il-fondazzjoni Stichting Natuur en Milieu *et;* Il-fondazzjoni Greenpeace Nederland; B. Meijer u l-konjuġi tiegħu; E. Zwaag u F. Pals.

Konvenuti: Het college van gedeputeerde staten van Groningen (Gvern provinċjali tal-provinċja ta' Groningen).

Domandi preliminari

1 L-obbligu ta' interpretazzjoni konformi mad-direttiva jimplika li l-obbligi tad-Direttiva 96/61/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (attwalment id-Direttiva 2008/1/KE dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż), trasposti fil-Wet milieubeheer (liġi dwar l-amministrazzjoni tal-ambjent), jistgħu u għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta jkollha tittieħed deċiżjoni fuq applikazzjoni għal permess ambjentali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ il-livell massimu ta' emissjonijiet ta' SO₂ tad-Direttiva 2001/81/KE dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva NEC"), b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-obbligi tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 96/61/KE, li attwalment saret id-Direttiva 2008/1/KE?

2.a L-obbligu li Stat Membru għandu li jastjeni milli jadotta miżuri li jistgħu jikkompromettu b'mod serju t-twertiq

tar-riżultat stabbilit minn direttiva, japplika wkoll għall-perijodu mis-27 ta' Novembru 2002 sal-31 ta' Diċembru 2010, imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva NEC?

2.b Matul il-perijodu mis-27 ta' Novembru 2002 sal-31 ta' Diċembru 2010, jeżistu obbligi pożittivi tal-Istati Membri kkonċernati, minbarra dan indipendentement mill-obbligu ta' astensjoni tagħhom jew minfloku, peress illi jkun hemm qbiż tal-livell nazzjonali ta' produzzjoni ta' SO₂, jew meta jkun hemm ir-riskju li din il-produzzjoni tinqabeż fi tmiem il-perijodu inkwistjoni?

2.c Sabiex tingħata risposta għad-domandi 2.a u 2.b, huwa neċessarju li mill-applikazzjoni għal permess ambjentali, li jkun jirrigwarda installazzjonijiet li jikkontribwixxu jew li hemm riskju li jikkontribwixxu għall-qbiż tal-livell nazzjonali massimu tal-emissjonijiet ta' SO₂ tad-Direttiva NEC, jkun jirriżulta li l-installazzjonijiet awtorizzati se jrin ikunu mħaddma mhux qabel l-2011?

3.a L-obbligi msemmija fid-domanda 2 għandhom il-konsegwenza li l-Istat Membru kkonċernat għandu jiċħad il-permess ambjentali li ntab jew għandu jinkludi fih preskrizzjonijiet jew restrizzjonijiet, jekk xejn ma jkun jippermetti li jiġi ggarantit li l-installazzjonijiet li għalihom il-permess ġie mitlub mhumiex ser jikkontribwixxu jew m'hemmx riskju li jikkontribwixxu għall-qbiż tal-livell nazzjonali massimu ta' emissjonijiet ta' SO₂ tad-Direttiva NEC? Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sa fejn l-installazzjonijiet inkwistjoni ser jikkontribwixxu jew hemm riskju li jikkontribwixxu għal dan il-qbiż tal-livell?

3.b Jew inkella, b'mod kuntrarju, jirriżulta mid-Direttiva NEC li Stat Membru, anki f'każ li jinqabeż jew f'riskju li jinqabeż il-livell nazzjonali massimu ta' emissjonijiet ta' SO₂, għandu marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiżgura li jintlaħqu l-għanijiet previsti mid-direttiva, u b'hekk jista' ma jirrifjutax l-għoti tal-awtorizzazzjoni jew ma jinkludix fiha preskrizzjonijiet jew restrizzjonijiet, iżda minfloku jadotta miżuri oħra, bħal miżuri ta' kumpens?

4. Individwu jista', peress li huma imposti fuq l-Istati Membri l-obbligi msemmija fid-domandi 2 u 3, jinwoka l-osservanza tal-imsemmija obbligi quddiem il-qorti nazzjonali?

- 5.a Individwu jista' jinvoka direttament l-Artikolu 4 tad-Direttiva NEC?
- 5.b Jekk iva, dan l-individwu jista' jinvoka dan l-Artikolu mis-27 ta' Novembru 2002, jew sa mill-31 ta' Diċembru 2010 biss? Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, huwa neċessarju li mill-applikazzjoni għal permess ambjentali jirriżulta li l-installazzjonijiet awtorizzati se jrin ikunu mħaddma mhux qabel l-2011?
6. Individwu, b'mod partikolari, meta l-ġhoti ta' permess ambjentali u/jew ta' miżuri oħra li jikkontribwixxu għall-qbiż tal-livell nazzjonali massimu ta' emissjonijiet ta' SO₂ tad-Direttiva NEC, jew li hemm riskju li jikkontribwixxu għal dan il-qbiż, jista' jinvoka abbażi tal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva:
- a. dritt ġenerali li jiġu adottati mill-Istat Membru kkonċernat, numru ta' miżuri li permezz tagħhom, mhux iktar tard mill-2010, l-emissjonijiet nazzjonali annwali ta' SO₂ ma jilhqax livell ogħla minn dak tal-livell nazzjonali massimu ta' emissjonijiet tad-Direttiva NEC jew, jekk dan ma jseħħx, numru ta' miżuri li permezz tagħhom dawn l-emissjonijiet ikunu, fl-inqas żmien possibbli wara din id-data, limitati għal dan il-livell;
- b. dritt konkret sabiex jiġu adottati mill-Istat Membru kkonċernat, miżuri speċifiċi fir-rigward ta' installazzjonijiet partikolari — pereżempju taħt forma ta' rifjut ta' awtorizzazzjoni jew ta' żieda ta' preskrizzjonijiet jew restrizzjonijiet supplementari ma' din l-awtorizzazzjoni — li jikkontribwixxu sabiex, sa mhux iktar tard mill-2010, l-emissjonijiet nazzjonali annwali ta' SO₂ ma jilhqax livell ogħla minn dak tal-livell nazzjonali massimu ta' emissjonijiet tad-Direttiva NEC jew, jekk dan ma jseħħx, numru ta' miżuri speċifiċi li jikkontribwixxu sabiex dawn l-emissjonijiet ikunu, fl-iqas żmien possibbli wara din id-data, limitati għal dan il-livell?
- 6.c Huwa neċessarju, sabiex tingħata risposta għad-domandi 6.a u 6.b, li jkun magħruf sa fejn l-installazzjonijiet inkwistjoni ser jikkontribwixxu għal dan il-qbiż jew għal dan ir-riskju ta' qbiż?

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Raad van State (L-Olanda) fil-11 ta' Mejju 2009 — Stichting Natuur en Milieu, Stichting Zuid-Hollandse Milieufederatie, Stichting Greenpeace Nederland, Vereniging van Verontruste Burgers van Voorne vs Gedeputeerde Staten van Zuid-Holland; intervenjenti: Electrabel Nederland NV u Burgemeester en Wethouders Rotterdam

(Kawża C-166/09)

(2009/C 193/03)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Stichting Natuur en Milieu, Stichting Zuid-Hollandse Milieufederatie, Stichting Greenpeace Nederland, Vereniging van Verontruste Burgers van Voorne

Konvenuta: Gedeputeerde Staten van Zuid-Holland

Intervenjenti: Electrabel Nederland NV u Burgemeester en Wethouders Rotterdam

Domandi preliminari

- 1) L-obbligu ta' interpretazzjoni konformi mad-direttivi jimplika li l-obbligi tad-Direttiva 2008/1/KE⁽¹⁾ dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż, kif trasposti fil-Wet Milieubeheer, jistgħu u għandhom jiġu interpretati li jfissru li, fid-deċizzjoni dwar l-applikazzjoni għall-permess ambjentali, il-livell nazzjonali massimu ta' emissjonijiet SO₂ u NO_x stabbilit mid-Direttiva 2001/81/KE⁽²⁾ dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (iktar 'il quddiem, id-"Direttiva LNME") għandu jiġi kkunsidrat, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligi taħt l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2008/1/KE?
- 2) (a) L-obbligu li Stat Membru jastjeni milli jadotta miżuri li jistgħu jtellfu r-riżultat stabbilit minn direttiva japplika wkoll waqt il-perijodu mis-27 ta' Novembru 2002 sal-31 ta' Diċembru 2010, kif stabbilit fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva LNME?

- (b) F'każ li l-livell nazzjonali massimu ta' emissjonijiet SO₂ u/jew NO_x stabbilit mid-Direttiva LNME jinqabeż, jew jekk hemm riskju li fl-aħħar ta' dan il-perijodu dan jinqabeż, l-obbligi pożittivi huma, waqt il-perijodu rilevanti mis-27 ta' Novembru 2002 sal-31 ta' Diċembru 2010, b'mod paralleli mal-imsemmi obbligu li jastjeni, jew minflok, ir-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat?

- (c) Fir-risposti għad-domandi 2(a) u 2(b), huwa sinjifikattiv li applikazzjoni għal permess ambjentali għal impjant li jikkontribwixxi sabiex il-livell nazzjonali massimu ta'